**1 ta' April, 1960**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, C.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D.; President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Inġinier Joseph Colombo, A. & C.E.

*versus*

Joseph Bugeja

**Arrest Personali — Rekwiżiti — Kummerċjant — Ċitazzjoni — Kawżali — Art. 359 tal-Kap. 15.**

*Ċitazzjoni li fiha tintalab il-kundanna tal-konvenut għall-arrest personali hija ritwalment magħmula jekk bħala kawżali tiġi espressa ċar l-eżistenza tad-dejn. Għalkemm ikun forsi aħjar li l-attur jindika aktar ċar liema waħda mid-*

*diversi kontingenzi li fihom il-Qorti tista' takkorda talba għall-arrest personali tad-debitur tirrikorri fil-każ partikulari, dak li hu verament essenzjali fiċ-ċitazzjoni hu li jissemma l-kreditu u n-nuqqas ta' ħlas da parti tad-debitur, u ssir it-talba għall-arrest personali, biex id-debitur jista' jiġi kostrett iħallas b'dak il-mezz.*

*L-allegazzjoni li t-talba għall-arrest personali hija immorali u inġusta u illegali, għax biha l-kreditur, billi jaf li d-debitur ma għandux mnejn iħallas id-dejn, ikun qiegħed jimminaċċja li jarrestah biex iġiegħel lil ħadd ieħor iħallas għalieħ, mhix attendibbli. Din hija aktarx kritika tal-istitut tal-arrest personali milli raġuni tajba biex il-liġi kif inhi ma tiġix applikata..*

*L-arrest personali mbgħad, jista' jiġi ordnat jekk jirrikorru kumulattivament żewġ rekwiżiti, u ċjoè illi d-dejn ikun dejn tal-kummerċ, u illi d-debitur ikun verament kummerċjant.*

*Kwantu għall-ewwel rekwiżit, il-kwistjoni ma tistax tqum flappell, jekk is-sentenza tal-Ewwel Qorti tkun irriteniet li d-dejn kien tal-kummerċ, u d-debitur jappella minn xi kapi tas-sentenza, mingħajr ma jappella minn dak il-kap li rritjena kummerċjali d-dejn tiegħu. Kwantu għat-tieni rekwiżit, biex tiġi stabbilita l-kwalità ta' kummerċjant taddebitur għall-finijiet tal-arrest personali, wieħed għandu jħares lejn iż-żmien li fih twieled id-dejn, u mhux lejn dak li fih tintalab il-kundanna għall-arrest.*

*Jekk fil-kuntrattazzjoni tad-dejn id-debitur ikun ikkwalifika ruħu bħala kummerċjant, din hi prova "prima facie" biss li huwa kien kummerċjant, u weħedha mhix biżżejjed biex tikkostitwixxi prova tal-kwalità ta' kummerċjant fid-debitur; imma jekk il-provi juru li dan kien bi professjoni jeżerċita fismu attijiet tal-kummerċ, allura hu kien kummerċjant, u t-tieni rekwiżit jiġi soddisfatt.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-attur, wara li ppremetta li skond kuntratt in atti Paul Pellegrini

Petit hu għandu jieħu minn għand il-konvenut is-somma ta' £766 ta' self li l-konvenut kellu jħallas wara tliet snin, bl-interessi tal-4½%; u li għaddew aktar minn tliet snin; talab li jiġi awtorizzat jipproċedi għall-eżekuzzjoni tal-imsemmi kuntratt, u f'nuqqas ta' pagament il-konvenut jiġi kundannat għall-arrest personali sakemm iħallas id-debitu tiegħu għas-sorte u nteressi. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-12 ta' Jannar 1960, li biha laqgħet it-talba tal-attur, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Dwar l-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-Qorti;

Illi mill-provi jirriżulta li l-konvenut kien kummerċjant meta ssellef il-flus riferiti li għalihom in segwitu kkostitwixxa ruħu debitur lejn l-attur in forza tal-kuntratt fuq imsemmi, u li dawk il-flus issellifhom in konnessjoni mal-kummerċ tiegħu;

Għalhekk il-kawża hija ta' kompetenza ta' din il-Qorti, u l-eċċezzjoni kuntrarja hija respinta; bl-ispejjeż;

Dwar l-eċċezzjoni l-oħra, ta' nuqqas ta' kawżali relattivament għat-talba għall-arrest personali tal-konvenut;

Illi lanqas din l-eċċezzjoni ma tista' tiġi akkolta billi l-kawżali hija kostitwita mid-dejn tal-kummerċ tal-konvenut, riżultanti b'mod biżżejjed ċar fl-att taċ-ċitazzjoni;

Għaldaqshekk, anki din l-eċċezzjoni hija respinta; bl-ispejjeż;

Ikkunsidrat, fil-meritu;

Illi kontra l-ewwel talba ma ġiet sollevata ebda eċċezzjoni, u l-istess tirriżulta ġustifikata bid-dokument prodott mal-att taċ-ċitazzjoni; u għalhekk, peress illi, kif ġa aktar il-fuq ġie rilevat, il-konvenut kien kummerċjant meta ssel-

lef il-flus, u ssellifhom għall-kummerċ tiegħu, hija ġustifikata anki t-tieni talba, u għandha tiġi respinta, kif qegħdha tiġi respinta, l-eċċezzjoni tal-immoralità tagħha għar-raġuni fuq imfissra, billi mhix bażata la fid-dritt u lanqas fil-fatt, kif juru l-provi;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenut, u l-petizzjoni tiegħu, li biha talab li dik is-sentenza tiġi riformata, billi tiġi konfermata fil-kapi li bihom ċaħdet l-eċċezzjoni tal-inkompetenza u laqgħet l-ewwel talba tal-attur għall-awtorizzazzjoni biex jipproċedi għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt, u revokata fil-kapi l-oħra kollha, billi jiġi deċiż li l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kawżali fit-talba għall-arrest personali tiġi milqugħa, u l-konvenut jiġi meħlus mill-osservanza tal-ġudizzju rigward dik it-talba; u subordinatament tiġi milqugħa l-eċċezzjoni ta' immoralità, inġustizzja u illegalità tat-talba għall-arrest, billi għalhekk dik it-talba tiġi miċħuda, bl-ispejjeż relattivi tal-ewwel u tat-tieni istanza kontra l-attur;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-ewwel lanjanza tal-konvenut hija illi, għar-rigward tat-talba għall-arrest personali tiegħu, tonqos fiċ-ċitazzjoni tal-attur il-kawżali, u għalhekk hu messu jiġi meħlus mill-Ewwel Onorabbli Qorti mill-osservanza tal-ġudizzju dwar dik it-talba;

Dan l-ilment mhux fondat. Il-kawżali tat-talba, kif qalet sewwa l-Ewwel Qorti, hija l-eżistenza tad-dejn, u din hi espressa ċar fiċ-ċitazzjoni. Ċertament kien ikun forsi aħjar kieku l-attur indika aktar ċar liema waħda middiversi kontinġenzi li fihom il-Qorti tista' takkorda talba għall-arrest personali tad-debitur tirrikorri fil-każ partikulari; iżda, fil-fehma tal-Qorti, dan in-nuqqas mhux fatali għall-validità tat-talba. L-arrest personali huwa biss mezz ta' eżekuzzjoni ta' kreditu, u t-talba b'ċitazzjoni hi rikjesta biex il-Qorti tista' tordna l-ħruġ tal-mandat relattiv. Għalhekk, dak li hu verament essenzjali fiċ-ċitazzjoni hu li jis-

semma l-kreditu u n-nuqqas ta' ħlas da parti tad-debitur u ssir it-talba għall-arrest personali, biex id-debitur jista' jiġi kostrett iħallas b'dak il-mezz. Mhix kwistjoni ta' kawżali li għandha essenzjalment tiġi espressa fiċ-ċitazzjoni, iżda kwistjoni ta' prova li ssir quddiem il-Qorti, dik li jiġi muri illi, għar-rigward tal-kreditu in kwistjoni, jirrikorru l-kondizzjonijiet li fihom skond il-liġi dak il-mezz ta' eżekuzzjon hu applikabbli, jiġifieri li l-kreditu hu tal-ammont preskritt, li l-każ jaqa' f'xi waħda mill-ipotesijiet kontemplati fl-art 359, li d-debitur mhux persuna eżenti mill-arrest, eċċ., eċċ.;

Għaldaqshekk ma hemm ebda nullità ritwali fiċ-ċitazzjoni fil-każ preżenti;

Fit-tieni lok, l-appellant jissottometti illi t-talba għall-arrest personali fil-każ preżenti hija immorali, inġusta u illegali, għaliex l-attur kien jaf illi hu, bħala d-debitur, ma għandu ebda mezzi biex iħallsu, u qiegħed jinqeda bil-minaċċja tal-arrest tiegħu biex iġiegħel lill-missieru jħallaslu;

Din hi aktarx kritika tal-istitut tal-arrest personali milli raġuni tajba biex il-liġi kif inhi ma tiġix applikata. L-arrest personali għal dejn ġie abolit għal kollox f'bosta pajjiżi fejn qabel kien jeżisti, jew ġie severament limitat fl-applikazzjoni tiegħu. Wieħed mill-argumenti li nġiebu kontra tiegħu hu appuntu, kif jesprimi ruħu l-Mattirolo, illi "l'arresto personale è da per tutto una scandalosa speculazione nell'affetto il più sacro dei parenti, nella carità della famiglia" (Trattato di Diritto Giudiziario Civile, 5ta. ediz. Vol. VI, § 1043, p. 822). Hu għalhekk illi f'xi sistemi ta' liġi, fejn l-arrest personali għad-dejn għadu b'xi mod rikonoxxut, hu meħtieġ li l-Qorti, qabel tordnaħ, trid tkun "prima facie" soddisfatta illi d-debitur jista' jħallas;

Il-liġi tagħna, però, ma tissubordinax l-applikazzjoni ta' dan il-mezz ta' eżekuzzjoni għal kondizzjoni simili, ħlief fil-każ kontemplat fil-paragrafu (b) tal-imsemmi art. 359 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili; u din il-Qorti ma tistgħax tikkrea l-liġi, iżda tista' biss tinterpretaha u tapplikaha.

Dan apparti l-fatt illi l-attur fix-xhieda tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti ċaħad illi hu għamel il-kawża bil-ħsieb li jeżerċita pressjoni fuq missier il-konvenut (fol. 31 tergo);

Għalhekk, anqas dan l-ilment tal-appellant ma jista' jiġi eżawdit;

Fl-aħħarnett, l-appellant isostni illi hu ma setgħax jiġi kundannat għall-arrest personali għaliex hu mhuwiex kummerċjant. Skond il-paragrafu (g) tal-imsemmi art. 359, l-arrest personali jista' jiġi ordnat kemm il-darba jikkonkorru żewġ kondizzjonijiet kumulattivament, ċjoè (1) illi d-dejn ikun dejn tal-kummerċ, (2) u illi d-debitur ikun verament kummerċjant. Dwar l-ewwel kondizzjoni, issa ma hemmx, u lanqas jista' jkun hemm, ebda kwistjoni. Apparti milli l-appellant stess, meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti, stqarr illi hu kien ħa l-flus b'self minn għand l-attur peress li kellu bżonn l-għajnuna għas-sartorija li dak iż-żmien kien jeżerċita (u din, kif ser jingħad, kienet impriża kummerċjali), l-appellant, wara li in prima istanza kien ta l-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-Qorti "ratione materiae", issa akkweta ruħu għal dak il-kap tas-sentenza, u talab fil-petizzjoni tiegħu li jiġi konfermat. In bażi għall-prinċipju adottat minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tas-27 ta' April 1953 in re "Magri vs. Dingli" (Vol. XXXVII-I-469), il-kwistjoni li l-kontestazzjoni in kawża kienet kummerċjali hi definittivament deċiża bil-ġudikat;

Tibqa' t-tieni kwistjoni, ċjoè jekk l-appellant hux kummerċjant. Hija ġurisprudenza kostanti tal-Qrati Tagħna li ġejja mill-antik, illi, biex tiġi stabbilita l-kwalità ta' kummerċjant għall-finijiet tal-arrest personali għal dejn tal-kummerċ, wieħed għandu jħares lejn iż-żmien li fih twieldet l-obligazzjoni, u mhux għaż-żmien li fih tintalab il-kundanna għall-arrest. Intqal mill-Qorti tal-Kummerċ fil-kawża riportata fil-Vol. XVI-III-59:— "Ripetutamente da questo tribunale fu accolta la massima che la qualità di commerciante, come requisito dell'arresto, si determina avuto riguardo al tempo della contratta obbligazione, e non al tempo della condanna all'arresto". (ara

fl-istess sens Vol. XV. paġ. 615; Vol. XX-III-17; Vol. XXVI-III-651);

Issa, din il-Qorti hi ta' fehma illi ġie pruvat illi, meta twieled id-dejn tal-appellant, dan kien kummerċjant. Fil-kuntratt ta' kostituzzjoni tad-dejn (fol. 5), l-appellant, għal dik li kienet l-okkupazzjoni jew il-professjoni tiegħu, iddikjara ruħu "fil-kummerċ". Għar-rigward ta' ċirkustanza simili intqal fis-sentenza ta' din il-Qorti riportata fil-Vol. XXI-I-123:— "Tale sua dichiarazione (ċjoè tad-debitur konvenut), fatta al tempo della contrattazione dell'obbligazione, è prova evidente della sua qualità di commerciante al tempo suddetto". Ċertament din hi prova "prima facie" biss. Kif sewwa qalet il-Qorti tal-Kummerċ fil-kawża riportata fil-Vol. XXXIII-III-467, dikjarazzjoni simili toħloq biss preżunzjoni sempliċi, u weħedha mhix biżżejjed biex tistabbilixxi definittivament il-kwalità ta' kummerċjant. Iżda fil-każ preżenti, mhux talli ma ġie pruvat xejn li jwaqqa' dik il-preżunzjoni sempliċi, iżda talli l-provi, kompriża x-xhieda tal-istess konvenut, jikkonfermawha. Apparti minn negozji oħra li l-konvenut kien jagħmel qabel iż-żmien rilevanti, hu aċċertat illi dak iż-żmien hu kien jiġġestixxi azjenda ta' ħjata li fiha kien jimpjega, kif qal hu, għall-ewwel erbgħa minn nies, u mbgħad biż-żmien żied tnejn oħra (fol. 26). Kellu mpjegati miegħu anki taljani, li ġieb minn barra (ibid. tergo). Il-konvenut żied jgħid illi bl-impjegati taljani dam jew erbgħa jew ħames xhur, u mbgħad ipprova bil-maltin. Il-flus issellifhom minn għand l-attur wara li kien ilu jeżerċita s-sartorija xi ħames xhur, u waqaf ftit u għax ipprova jkompli bil-maltin, u fil-fatt kompla għal xi xahar jew tliet ġimgħat;

Il-Qorti jidhrilha illi dan hu biżżejjed, anki waħdu, biex juri illi dak iż-żmien li sar is-self il-konvenut kien "bi professjoni jeżerċita f'ismu attijiet tal-kummerċ", u kwindi kien, skond il-liġi, kummerċjant (art. 4 Kod. Kumm.). Il-fatt jekk l-intrapriża eventwalment irnexxietx jew le evidentement mhux rilevanti;

Għalhekk, anki dwar dan il-punt, din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni milħuqa mill-Ewwel Qorti;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fil-kapi devoluta lilha; bl-ispejjeż kontra l-appellant.